**2ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Emmanuele Baldacchino

*versus*

Joseph Schembri

**Garanti solidali fil-Kummerċ.**

*Il-garanti solidali magħmula lill-kummerċjant huwa ekwiparabili għall-istess kondebitur in solidum u mhux meħtieġ għal kreditur li jħarrek f'ġudizzju il-kondebituri solidali kollha sabiex jottienu kontra wieħed minnhom, a scelta tiegħu, il-pagament ta' dak li jkun dovut lilu.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi b'kuntratt riċevut u ppubblikat minn Nutar Joseph Gatt fl-14 ta' Mejju, 1952 (Dok. A), il-

konvenut rċeva bħala self mingħandu s-somma ta' tlett elf lira (£3,000) li kellha tiġi restitwita fi żmien sena mill-att jew dik in-nhar li l-konvenut ibiegħ it-talkies li għadu qiegħed jimbena Nr. 26 Tower Road, Sliema, skond liema avveniment ikun l-aqsar, u dana bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena mill-att, pagabili mar-restituzzjoni tal-kapital, u li ż-żmien fuq imsemmi għadda inutilment u l-konvenut ma ħallas xejn:— u li għaddew aktar minn tlett snin minn mindu l-imsemmi kuntratt sata' jiġi esegwit — talab li huwa jiġi awtorizzat jesegwixxi l-imsemmi kuntratt għall-kapital u mgħax fuq imsemmija. Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni prodotta ma' l-att ta' ċitazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li issottometta:—

Illi l-attur silfu diversi kapitali u dejjem fl-ammont kostitwit kien hemm miżuri ta' mijiet ta' liri, ċioe: (1) f'muturi ta' tlett elef lira (£3,000) tat-22 ta' April 1950, tah biss elfejn u tlett mitt lira (£2,300) b'cheque; (2) fil-mutur ta' elfejn lira (£2,000) tat-22 ta' Awissu, 1950, tah biss elf u sitt mitt lira (£1,600) b'cheque; (3) fil-mutwu ta' elfejn lira (£2,000) tal-4 ta' Ottubru, 1950, tah biss elf u sitt mitt lira (£1,600); (5) fil-mutwu ta' elf lira (£1,000) tat-13 ta' Diċembru, 1950, tah biss seba' mija u ħamsin lira (£750).

Illi fis-self tat-tlett elef lira (£3,000) imsemmi fl-att ta' ċitazzjoni l-attur tah biss elfejn u tlett mija, parti fuq il-kunratt u parti mitt lira fil-ġimgħa, u ċioe tlett mitt lira (£300) fuq il-kuntratt u l-bqija kellu jħallashom kull ġimgħa, u qatt ma kien jagħtihom kollha, imma tletin lira (£30)

anqas kull darba.

Illi, għalhekk, billi l-ewwel kapitali ġew imħallsa fl-interezza tagħhom u bl-imgħax totali, l-eċċipjent għandu u jrid inaqqas mis-somma pretiża fl-att ta' ċitazjoni l-użuri kollha fuq imsemmija u l-imgħax żejda relattivi.

Rat id-dokumenti prodotti ma' l-att ta' ċitazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet.

Rat id-digriet li bih Dottor Giorgio A. Camilleri ġie nominat perit biex jivverifika u jgħarraf lill-Qorti jekk fis-self indikat fl-att ta' ċitazzjoni hemmx użura jew le u fil-kas li hemm użura sa biex jistabilixxi l-ammont ta' l-istess użura w il-bilanċ li jibqa' dovut lill-attur in restituzzjoni ta' l-istess mutwu bl-interessi wara li tiġi dedotta l-użura.

Rat fil-fol. 37 in-nota ta' l-attur.

Rat ir-relazzjoni tal-perit maħlufa fit-12 ta' Frar, 1963, u l-verbal tas-seduti quddiem il-perit u d-dokumenti prodotti ma' l-istess relazzjoni.

Rat il-verbal in data 5 ta' Marzu, 1963, li minnu jirriżulta li l-attur irrimetta ruħu għar-relazzjoni tal-perit.

Rat il-verbal in data 19 ta' April, 1963, li minnu jirriżulta li l-konvenut ukoll irrimetta ruħu għar-rapport tal-perit, salv kull dritt tiegħu riferibilment għal kull użura, evidentement minnu pretiża mħallsa in konnessjoni ma' mutwi oħra preċedentement lilu forniti mill-attur.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-26

ta' April, 1963 li biha ġie deċiż adesivament għall-istanza, bl-ispejjeż wara li ġie kkunsidrat:—

Omissis . . . . . . . .

Rat in-nota tal-appell in data ta' l-4 ta' Mejju 1963 li biha l-konvenut interpona appell kontra s-sentenza msemmija kif ukoll il-petizzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju, 1963, li biha l-appellant talab li l-ġudizzju jiġi dikjarat irritu u null għax fl-istess ma ġiex mħarrek Giuseppi Spiteri, il-garanti solidali tiegħu u f'każ ta' eżitu sfavorevoli ta' l-ewwel talba talab li s-sentenza tiġi riformata in kwantu akkordat l-awtorizzazzjoni mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni għas-somma ta' tlett elef lira (£3,000) bl-ispejjeż u tiġi minflok akkolta biss għall-elfejn u ħames mitt lira (£2500) billi jiġu riżervati favur tiegħu d-drittijiet li jieħu l-użuri kollha li ħa l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-attur appellat tal-31 ta' Mejju, 1963 li biha qal li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, li l-garanti offert mill-appellant huwa manifestament inidonew u għalhekk irrifjutah u għaldaqshekk talab li l-appell interpost mill-konvenut jiġi dikjarat desert u fil-każ ta' kawtela regolari l-istess appell jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

Rat li l-appell ġie regolarment kawtelat.

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat:

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li bl-att magħmul permezz tan-Nutar Joseph Gatt tal-14 ta' Mejju, 1952 l-attur silef lill-

konvenut s-somma ta' tlett elef lira sterlina (£3,000), riċevuta fuq l-att u li l-istess Joseph Schembri kellu jħallas fi żmien sena mill-jum ta' l-istess att jew dik inhar illi huwa ibiegħ it-talkies, li kien għadu jinbena Nru. 26 Tower Road, Sliema, skond liema avveniment ikun l-aqsar bl-imgħax tas-sitta fil-mija fis-sena mid-data tal-kuntratt pagabli mar-restituzzjoni tal-kapital. Fl-istess kuntratt, in assigurazzjoni tal-pagament tal-kapital u relativi nteressi, deher ukoll Giuseppe Spiteri sabiex jiggarantixxi dika l-istess obbligazzjoni bl-obbligu li jħallas fil-kwalita msemmija ta' garanti fl-okkażjoni tal-bejgħ tat-talkies, għar-raġuni addotta fl-istess kuntratt, u għall-aħjar assigurazzjoni tar-restituzzjoni tal-pattwit l-istess Spiteri ipoteka ġeneralment il-ġid tiegħu presenti u futur **b'ipotika solidali** ma dika kostitwita mid-debitur, bil-konvenzjoni espressa li dika l-ipotika tal-garanti tiġi nskritta biss kemm il-darba r-restituzzjoni tal-kapital mislluf ma timmaterjalizzax ruħha fi żmien sitt xhur mill-jum tal-kuntratt imsemmi (fol 4-6 tal-proċess).

Ikkunsidrat:

Illi relatati l-fatti a bażi ta' l-azzjoni odierna dina il-Qorti sejra tgħaddi biex tinvesti l-aggravvji sollevati.

Illi l-ewwel aggravvju miġjub il-quddiem mill-konvenut appellant huwa li l-appellat talab l-awtorizzazzjoni li jesegwixxi il-kuntratt konsaput għax tliet snin (mill-pubblikazzjoni tiegħu u l-esekuzzjoni) kontra d-debitur biss u ma talabx l-istess ħaġa kontra Giuseppe Spiteri, il-garanti solidali, li jidher fuq l-istess kuntratt, li jista' jkollu xi eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jissolleva u in konsegwenza sostna li i ġjudizzju ġie propost ħażin u li l-proċedura hija rritwali.

Ikkunsidrat:

Illi dana l-aggravju tal-appellant ma jidhirx li huwa fondat fil-liġi. Il-garanti solidali magħmul lill-kommerċjanti, bħal ma huwa l-konvenut huwa ekwiparat għall-istess kondebitur in solidu ċioe "correus debendi" (Cassazione ta' Torin 28 ta' Diċembru, 1882 in re Zanelti vs Schenini ċitata minn Raffaele Corsi fl-opra tiegħu "La fidejussione" konsiderata fir-rapporti tal-Kodiċi Ċivili paġina 110). Huwa għalhekk li għalih huma applikabbili mutatis mutandis d-disposizzjonijiet tal-liġi applikabbili għall-kondebituri solidali.

Illi di fronti għall-kondebituri l-liġi hija ċara. Infatti l-art 1139 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li l-kreditur jista' jekk irid, idur kontra kull min irid mid-debituri "in solidum" mingħajr ma d-debitur jista' jopponi l-benefiċċju tal-qsim ta' l-obbligazzioni; l-art. 1140 tal-istess statut jiddisponi li t-talba ġudizzjarja kontra wieħed mid-debituri solidali ma ttelliefx il-jedd ta' dik t-talba kontra kull wieħed mill-oħrajn u fl-art. 1142 tal-Kap. 23 jingħad liema eċċezzjonijiet jistgħu jiġu mogħtija minn wieħed mid-debituri solidali u ċioe dawk li huma personali għalih, kif ukoll dawk li jgħoddu għalih u għall-kondebituri l-oħra kollha barra minn dawk li jkunu għal kollox personali għal xi wieħed biss mill-kondebituri l-oħra; oltri dak li hemm maħsub fl-artikoli 1147 u 1148 tal-istess Statut jikkontempla l-każ ta' dejn "in solidum" li jkollu x'jaqsam miegħu wieħed biss mill-ko-obbligati solidali, f'liema ipotesi d-debitur veru jibqa fir-rapport intern id-debitur prinċipali mentri l-kondebituri l-ieħor jew l-oħrajn, jekk ikun aktar minn wieħed jiġu kkunsidrati bħala garanti jew pleġġijiet.

Illi minn dana jitnissel naturalment u loġikament li mhux meħtieġ għall-kreditur li jħarrek f'ġudizzju l-kondebituri solidali kollha sabiex jottieni kontra wieħed minnhom a xelta tiegħu, il-pagament ta' dak li jkun lilu dovut (ara

Giorgi Teoria delle obbligazioni Vol. I. paġ. 144 u Larombiere Theorie et patique des obligation Vol. III Komment għall-art. 1203 paġ. 423 u ta' wara u art. 1204 paġ. 426 u ta' wara).

Illi l-istess ħaġa, minn dak li fuq intqal jista' jingħad għall-garanti solidali u ċioe li l-presenza tiegħu f'dan il-proċess ma kienetx meħtieġa anki l-għaliex kienet fil-fakolta tal-kreditur jagħmila jew ma jagħmiliex. Del resto jekk l-appellant deherlu li l-garanti fl-interess tiegħu setgħa jkollu xi eċċezzjonijiet validi fl-interess tiegħu huwa setgħa quddiedm l-ewwel Qorti jipprovdi għal daka *li llum qiegħed jilmenta* minnu bil-mod li kellu a disposizzjoni tiegħu skond il-liġi, dak li l-appellant ma għamelx u *llum, quddiem dina* s-sedi, ma jistax jagħmel.

*Illi*, l-appellant il-pretensjoni tiegħu in diskussjoni jrid jagħti b'obbligu *lill-appellat ta' dak li fil-liġi* jidher li hija fakulta *ta' għażla lilu rilaxxjata:* tant hija estiża dina l-fakulta li ġie deċiż (Ara Appello Roma 2 ta' Lulju 1885 in re Giannelli vs. Testa Annali Volum 1885 Parte III pagina 465) li "*Quando una* azione di credito sia stata promossa in giudizio contro, tutti i debitori solidali, il creditore, dove gli piacera, continuarla contro uno solo pero il debitore solidale, contro il quale solo viene proseguita l'azione puo oppore di diritto i pagamenti fatti da qualunque degli altri condebitore solidali."

Illi għalhekk l-ewwel motiv addott kontra r-ritwalita tal-proċedura adoperata miġjub 'l quddiem mill-appellanti ma huwiex sostenibbili u, in konsegwenza, jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:—

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-meritu. Infatti l-appellant, wara li sostna li kien hemm operazzjonijiet tal-istess natura bejn il-kontendenti fejn huwa "in primes" allega li kien hemm l-esazzjoni ta' użuri, li bihom kien tal-fehma li bilqtugħ tagħhom setgħa in parti jiġi newtralizzat il-kreditu mitlub fl-odiena ċitazzjoni u l-Qorti ordnat lill-perit legali li jeżamina s-self indikat fl-att taċ-ċitazzjoni tal-lum dwar jekk fih kienx hemm jew le l-użuri allegati, il-kontenzjoni ġiet ċirkoskritta għar-riċerka ordnata dwar il-kreditu odiern mill-istess l-ewwel Qorti. Del resto kien ġust li jsir dak li sar l-għaliex ġa la darba l-operazzjonijiet anteċedenti għal dina l-odierna kienu distinti u mhux formanti l-istess operazzjoni kontinwata bi stadju u l-istess ġew estinti bil-pagament tal-kapital u nteressi relativi, id-dejn spiċċa u l-kuntratt ma jibqax jissussisti, salvu lid-debitur, jekk jaġixxi fi żmien lilu permess fil-liġi, li ndividwalment jipproċedi għall-użuri tar-rispettivi krediti magħluqa u eżawrieti.

Illi dwar il-kontestazzjoni tal-operazzjoni odierna l-appellant jsostni li għalkemm fil-kuntratt "de quo agitur" jidher li huwa rċeva tliet elef lira fil-fatt huwa biss irċeva elfejn u ħames mitt lira (£2500) u l-bilanċ tas-somma kien jammonta kollu għall-interessi użurari, liema pretensjoni hija kontestata mill-appellat.

Illi fuq il-kreditu odiern in diskussjoni l-ilmenti tal-appellant jistgħu jiġu riepilogati f'erba' motivi u ċioe:—

(I) Li fuq il-kuntratt, li sar għand in-Nutar Joseph Gatt l-uniku passaġġ ta' flus mill-attur lill-konvenut kien dak permezz taċ-cheque ta' elfejn u ħames mitt lira (£2500) nonostanti li s-self, jingħad li kien ta' tlett elef lira (£3000) u kwindi kien verosimili li dika s-somma ta' elfejn u ħames mitt lira (£2500) biss irċeva l-appellant.

(II) Li kieku kien verament minnu dak li qal l-appellat li qabel il-kuntratt huwa fuq suġġeriment tan-Nutar, li jingħad fil-petizzjoni tal-Appell li ma kkorraborrax lill-appellat, tah ħames mitt lira (£500) flus kontanti l-għaliex il-konvenut ried ikollu flus likwidi biex iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istess kuntratt. X'kien hemm bżonn li l-appellant ikollu dak l-ammont kbir ta' flus għal sempliċi kuntratt li l-aktar setgħa jkun jiswa xi tlettin lira (£30)?

(III) L-għaliex il-mutwant ma esiġiex li jitniżżel fil-kuntratt li huwa kien ta' ħames mitt lira (£500) flus likwidi qabel l-istess att dik inhar taċ-cheque?

(IV) Jekk l-appellat kellu notament li huwa kien ta lill-appellat il-ħames mitt lira (£500) qabel l-att li huwa ppromettа li jurieh l-għaliex qatt ma ġiebu fil-kors tal-kawża?

Illi mid-deposizzjoni tal-appellat jirriżulta li ta fuq il-kuntratt cheque fuq Scicluna's Bank Nru. 022418 għas-somma ta' elfejn u ħames mitt lira (£2500), dak li mhux kontestat mill-appellant u huwa koroborat mill-attriċi tal-istess cheque (fol. 49) mir-riċerka li għamel f'daka l-Bank il-Perit legali. F'dika l-istess matriċi hemm ukoll imniżżla l-kliem "& cash £500" taħt l-istess data tal-assegno u ċioe l-14 ta' Mejju, 1962, li l-attur qal li ta lill-appellat, ras in b'ras probabilment f'ħanut li huwa semma f'Merchants Street, il-Belt Valletta, fejn il-kontendenti kienu ta' spiss jiltaqgħu u qal ukoll li huwa meta kien jisilfu flus lill-konvenut b'kuntratti dejjem tah l-ammont hemm indikati. Ikompli jgħid l-appellat, wara li fil-bidu (fol. 50) tad-deposizzjoni tiegħu kien qal li huwa ta lill-appellant parti mis-somma fi flus kontanti fuq insistenza tan-Nutar Gatt, li kien qallu li kieku ma jagħmillux hekk l-istess Nutar ma kienx ikollu minn fejn jitħallas mingħand il-konvenut, li dan l-aħħarimsemmi kien

dejjem jitolbu li jagħtih biċċa mill-flus in kontanti biex f'ċerti każi jqasamhom kif kien ikun irid u meta s-self kien isir f'ġurnata tas-Sibt, peress li l-banek kienu jkunu magħluqa, biex jagħmel xi pagamenti. Meta l-attur nterpella ġjudizzjarjament lill-konvenut għall-ħlas ta' dana l-kreditu u dan l-aħħar imsemmi irrisponda b'att responsiv li ma kienx imħabba l-użuri debitur tal-attur, dan l-aħħar meta ltaqa' miegħu staqsieh kif kien irrispondahekk u f'dak is-sens u l-konvenut qabeż u qallu: "xi tridni ngħidlek . . . . . xi ħaġa ma rridx nirrispondik . . . . . għal issa fejn ilek tistenna, istenna ftit ieħor għax qiegħed nagħmel operazzjoni u biha nħallas lill-kulħadd u nistrieħ u jekk iċċaqlaq xi ħaġa issa, trisfrattali kollox." Il-konvenut jillimita biex jinnega li huwa ħa l-ħames mitt lira (£500) kontanti mingħand l-attur qabel il-kuntratt u jinnega wkoll li talab flus kontanti lill-instanti.

Illi l-appellant li għal tletin lira (£30) kuntratt u spejjeż tiegħu ma kellux għalfejn jitlob ħames mitt lira (£500) kontanti lill-attur u qal li l-attur mhux korroborat minn Nutar Gatt dwar l-assert tiegħu li dana nsista miegħu li jgħaddi lill-konvenut xi flus kontanti: imma dana n-nuqqas ta' korroborazzjoni qatt ma setgħa jkun li jeżisti l-għaliex in-Nutar Gatt qatt ma xehed f'dina l-kawża. Jekk jiġi emnut l-attur meta jiġi kkunsidrat li l-konvenut huwa kommerċjant li jintraprendi ħafna operazzjonijiet kbar mhix ħaġa inverosimili li huwa kellu bżonn pronti kuntanti f'idejh biex jinqegħda bihom.

Illi ntqal li l-mutwant kien imissu nsista li jingħad fil-kuntratt li l-ħames mitt lira (£500) kienu ġew kunsinnata in kontanti qabel l-att, dak li ma sarx. Huwa minnu li kien ikun aħjar kieku saret menzjoni tagħhom fil-korp ta' l-att, imma l-fatt li ma ssemmiex l-istess passaġġ ta' flus jista'

pero jiġi pruvat aliunde.

Illi nqtal ukoll li l-attur appellat naqas li jġib in-notament oltri dak li hemm fil-fol. 49 imma ntesa li l-appellat fid-deposizzjoni tiegħu qal li **jekk isib in-notament** huwa jesibieh? *U dana oltri dak li qal huwa u li jinsab miktub fid-dokument fuq imsemmi.*

Illi minn dana jitnissel li l-aggravvji miġjuba l-quddiem ma humiex ta' piż li jwasslu għaċ-ċensura ta' dak li qatgħet l-ewwel Qorti. It-tesi tal-attur hija aktar korretta mill-provi korroborativi min-negazjoni tal-appellant u, dina l-Qorti, bħal ma għamlet il-Qorti ta' Prim'Istanza, tħoss li għandha tagħti aktar kredenza lit-teżi attriċi, li hija positiva anzikke lit-tesi tal-konvenut li hija verament negattiva.

Għal dawna r-raġunijiet u għal dawk *ta' l-ewwel Qorti;*

Taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-appellant.